



Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14095/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0043(COD)

CODEC 1951
PECHE 459
PE 164

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta dawn l-istokkijiet - Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Novembru 2018)

I. INTRODUZZJONI¹

Ir-rapporteur, Ruža TOMAŠIĆ (ECR, HR), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għas-Sajd. Ir-rapport fih 84 emenda (1-84) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: S&D ressqu 5 emendi (93, 94, 95, 96, 97), ALDE ressqu 5 emendi (88, 89, 90, 91, 92), ECR ressqu 3 emendi (85, 86, 87), u l-Ħodor/AHE ressqu 14-il emenda (98, 99, 100, 101, 102, 103, 104, 105, 106, 107, 108, 109, 110, u 111).

¹ L-iffommattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fit-13 ta' Novembru 2018, il-plenarja adottat l-emendi 1-6, 8-45, 47-78, 80-82, 84, 86-87, 99. 104 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk².

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet (COM(2017)0097 – C8-0095/2017 – 2017/0043(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0097),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0095/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-pożizzjoni f'forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0337/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 68.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Jenħtieġ li l-politika komuni tas-sajd (il-PKS) tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent marin, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet kollha sfruttati b'mod kummerċjali, u b'mod partikulari għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³

³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)(ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

Emenda

(1) Jenħtieġ li l-politika komuni tas-sajd (il-PKS) tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent marin, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet kollha sfruttati b'mod kummerċjali, u b'mod partikulari għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, ***u status ta' konservazzjoni favorevoli għall-ispeċijiet u l-habitats skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE^{3a} u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{3b}.***

³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)(ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

^{3a} ***Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).***

^{3b} ***Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

(1a) Fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar fi New York fl-2015, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li, sal-2020, itemmu b'mod effettiv il-qbid u s-sajd eċċessiv, is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u l-prattiki ta' sajd qerrieda u jimplementaw pjanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza, sabiex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati fl-inqas żmien fattibbli, għall-inqas sa livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli skont kif determinat mill-karatteristiċi bijoloġiċi tagħhom.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistabbilixxi r-regoli tal-PKS f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. L-għanijiet tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu sostenibbli fit-tul mill-lat ambjentali, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistabbilixxi r-regoli tal-PKS f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. L-għanijiet tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu sostenibbli fit-tul mill-lat ambjentali, **ekonomiku u soċjali**, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(2a) F'konformità mar-Regolament (UE)
Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd
ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku
disponibbli titlob settijiet ta' dejta
armonizzati, affidabbli u preċiżi.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(3a) Il-Baħar Adrijatiku huwa subżona
importanti fil-Mediterran li tirrappreżenta
madwar terz tal-valur totali tal-ħatt l-art.**

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(4a) Il-pjanijiet ta' ġestjoni implimentati
u l-miżuri tekniċi introdotti fl-2016
mistennija jipproduċu effetti fuq l-
istokkijiet u jridu jiġu analizzati u
kkunsidrati meta jiġi stabbilit pjan
pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi fir-**

reġjun.

Emenda 99

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) L-introduzzjoni ta' approċċ ta' rilaxx minimu teħtieġ bidliet fil-kampjunar bijoloġiku u l-protokolli tar-riċerka li jieħdu ż-żmien, u għalhekk hemm il-ħtieġa ta' perjodu ta' tranżizzjoni qabel ma jkun jista' jiġi implimentat.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Il-miżuri attwali ta' ġestjoni għall-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku għandhom x'jaqsmu mal-aċċess għall-ilmijiet, mal-kontroll tal-isforz tas-sajd u ma' miżuri tekniċi li jirregolaw l-użu tal-irkaptu. ***Il-pariri xjentifiċi indikaw li l-kontroll tal-qabdiet huwa l-iktar mezz xieraq biex tiġi adattata l-mortalità mis-sajd u li dan se jkun għodda ta' ġestjoni aktar effettiva għall-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar.***⁶

(5) Il-miżuri attwali ta' ġestjoni għall-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku għandhom x'jaqsmu mal-aċċess għall-ilmijiet, mal-kontroll tal-isforz tas-sajd u ma' miżuri tekniċi li jirregolaw l-użu tal-irkaptu.

⁶ *Id-dokument tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd dwar il-*

valutazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Mediterran imsejjaħ "Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) Assessment of Mediterranean Sea stocks - part 2 (STECF-11-14)".

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni bħalma huma l-pjanijiet pluriennali, il-miżuri tekniċi, ***l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u l-allokazzjoni tagħhom***, skont kif ikun xieraq, fi kwalunkwe kombinament.

Emenda

(6) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni bħalma huma l-pjanijiet ***pluriennali u*** l-miżuri tekniċi, skont kif ikun xieraq, fi kwalunkwe kombinament tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Is-sajd tal-ħut pelaġiku ż-żgħir fil-Baħar Adrijatiku, speċjalment fis-Subżoni Ġeografiċi 17 u 18 (GSA 17 u 18), għandu impatt soċjoekonomiku importanti ħafna għall-għajxien u l-futur tal-komunità kostali tal-Istati Membri.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) F'konformità mal-prinċipji u l-objettivi tal-PKS u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ir-reġjonalizzazzjoni jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni li jieħdu kont tal-ispeċifikitajiet ta' kull żona tas-sajd u għas-salvagwardja tal-kundizzjonijiet ambjentali tagħhom.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 6c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokat f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bl-użu ta' kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd ikunu wkoll distribwiti b'mod ġust fid-diversi segmenti tas-sajd, inkluż is-sajd tradizzjonali u dak fuq skala żgħira. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu tas-sajd selettiv jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali għandhom ikunu ibbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi u għandhom ikunu jinkludu objettivi, miri kwantifikabbli bi skedi taż-żmien ċari, punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni u salvagwardji.

Emenda

(7) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali għandhom ikunu ibbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi u għandhom ikunu jinkludu objettivi, miri kwantifikabbli bi skedi taż-żmien ċari, punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni, **objettivi għall-miżuri ta' konservazzjoni u tekniċi għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art, kif ukoll miżuri maħsuba biex kemm jista' jkun jiġu evitati u mnaqqsa l-qabdiet mhux mixtieqa**, u salvagwardji.

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-għan tal-pjan pluriennali għandu jkun li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod speċjali biex **jintlaħaq u jinżamm l-MSY għall-istokkijiet ikkonċernati, biex is-settur** tas-sajd isir sostenibbli u **biex jipprovdi** qafas ta' ġestjoni effettiv.

Emenda

(8) L-għan tal-pjan pluriennali għandu jkun li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod speċjali biex **l-istokkijiet tal-ħut jergħu jiżdiedu u jinżammu 'l fuq mil-livelli ta' bijomassa li jistgħu jipproduċu MSY, jiġi implimentat l-obbligu tal-ħatt l-art, ikun hemm settur** tas-sajd sostenibbli u **jiġi pprovdut** qafas ta' ġestjoni effettiv.

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jitqiesx bħala preċedent għal pjanijiet pluriennali oħra fil-Baħar Mediterran, sakemm ma jkunx previst mod ieħor.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Jenħtieġ li pjan pluriennali dejjem isib bilanċ bejn ir-riżultat li jista' jinkiseb, b'kont meħud tal-perjodu ta' żmien, u l-impatt soċjoekonomiku.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) F'konformità mal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, ***minbarra d-deskrizzjoni relatata mas-sajd mogħti*** fid-Direttiva 2008/56/KE, id-deskrizzjoni kwalitattivi 1, 4 u 6 mogħtija fl-Anness I tad-Direttiva wkoll għandhom jitqiesu fil-qafas tal-ġestjoni tas-sajd.

(10) F'konformità mal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, ***dan il-pjan jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxi għall-ksib ta' status ambjentali tajjeb kif stabbilit*** fid-Direttiva 2008/56/KE, id-deskrizzjoni kwalitattivi 1, 4 u 6 mogħtija fl-Anness I tad-Direttiva wkoll ***jenħtieġ li*** jitqiesu fil-qafas tal-ġestjoni tas-sajd. ***Jenħtieġ li dan il-pjan jikkontribwixxi wkoll għall-ksib ta' status ta' konservazzjoni favorevoli għall-habitats u l-ispeċijiet kif jirrikjedu d-Direttiva 2009/147/KE ^{7a} u d-Direttiva 92/43/KE ^{7b} rispettivament.***

^{7a} Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

^{7b} *Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).*

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-miri stabbiliti fil-pjanijiet pluriennali.

Emenda

imħassar

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Huwa xieraq li l-mortalità mis-sajd fil-mira (F) li tikkorrispondi mal-għan li jintlaħaq u jinżamm l-MSY tiġi stabbilita bħala meded ta' valuri li huma konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, ibbażati fuq pariri xjentifiċi, huma meħtieġa sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà biex jitqiesu l-iżviluppi fil-pariri xjentifiċi, sabiex jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art u sabiex jitqiesu l-karatteristiċi tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY ikkalkulahom il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF) **u** huma mfasslin biex jagħtu tnaqqis ta' mhux aktar minn 5 % fir-rendiment fit-tul meta mqabbel mal-MSY.⁸ Barra minn hekk, il-limitu massimu tal-

Emenda

(12) Huwa xieraq li l-mortalità mis-sajd fil-mira (F) li tikkorrispondi mal-għan li jintlaħaq u jinżamm l-MSY tiġi stabbilita bħala meded ta' valuri li huma konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, ibbażati fuq ***l-aqwa*** pariri xjentifiċi ***disponibbli***, huma meħtieġa sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà biex jitqiesu l-iżviluppi fil-pariri xjentifiċi, sabiex jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art u sabiex jitqiesu l-karatteristiċi tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY ikkalkulahom il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF)^{7c}. ***Abbażi ta' dan il-pjan, dawn*** huma mfasslin biex jagħtu tnaqqis ta' mhux aktar minn 5 % fir-rendiment fit-tul meta mqabbel mal-MSY. Barra minn hekk,

medda huwa limitat, hekk li l-probabbiltà li l-istokk jaqa' taħt il-Blim mhijiex ta' iktar minn 5 %.

⁸ *Id-dokument tal-2015 tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd dwar l-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u l-valutazzjonijiet tal-Mediterran imsejjaħ "Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – Small pelagic stocks in the Adriatic Sea". Ir-rapport tal-ewwel parti tal-valutazzjonijiet tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran imsejjaħ "Mediterranean assessments part 1" (STECF-15-14). 2015" ippublikat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu bin-numru EUR 27492 EN, JRC 97707, u fih 52 paġna. [It-tieni parti ta' din ir-referenza tidher li hija żbaljata. OPOCE, jekk jogħġbok iċċekkja.]*

il-limitu massimu tal-medda huwa limitat, hekk li l-probabbiltà li l-istokk jaqa' taħt il-Blim mhijiex ta' iktar minn 5 %.

^{7c} *Id-dokument tal-2015 tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd dwar l-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku imsejjaħ "Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – Small pelagic stocks in the Adriatic Sea. Ir-rapport tal-ewwel parti tal-valutazzjonijiet tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran imsejjaħ "Mediterranean assessments part 1" (STECF-15-14). 2015 ippublikat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu bin-numru EUR 27492 EN, JRC 97707, u fih 52 paġna. [It-tieni parti ta' din ir-referenza tidher li hi żbaljata. OPOCE, jekk jogħġbok iċċekkja.]*

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) *Għall-għanijiet tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd, irid ikun hemm limitu massimu għall-meded tal-FMSY fil-każ ta' użu normali u limitu ogħla f'ċerti każijiet, dejjem jekk l-istokk ikkonċernat jitqies li jkun fi stat tajjeb. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jiġu ffissati sal-limitu ogħla biss jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mas-sajd imħallat jew jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat id-dannu lil xi stokk ikkawżat mid-dinamika*

Emenda

(13) *Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan pluriennali, jenħtieġ li l-mira għal kull speċi tkun SSBpa. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi ffissata **mira ogħla** biss jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mas-sajd imħallat jew jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat id-dannu lil xi stokk ikkawżat mid-dinamika tal-istokk tal-ispeċi jew mid-dinamika ta' bejn l-istokkijiet ta' speċijiet differenti, jew **fejn wieħed mill-istokkijiet ta' pelaġiċi żgħar ikun inqas mill-SSBlim.***

tal-istokk tal-ispeċi jew mid-dinamika ta' bejn l-istokkijiet ta' speċijiet differenti, jew *sabiex jiġu llimitati l-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd minn sena għall-oħra.*

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) *Għall-istokkijiet li għalihom ikunu disponibbli dawn il-miri, u għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja, jeħtieġ li jiġu stabbiliti punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni mogħtija bħala **MSY Btrigger u Blim għall-istokkijiet tal-inċova u tas-sardin.** Jekk l-istokkijiet jaqgħu taħt **l-MSY Btrigger, il-mortalità mis-sajd għandha titnaqqas iktar mill-FMSY.***

Emenda

(15) ***Għall-fini*** tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja, jeħtieġ li jiġu stabbiliti punti ta' referenza għall-konservazzjoni espressi bħala ***SSBlim u SSBpa għall-ħut pelaġiku żgħir.*** Jekk l-istokkijiet jaqgħu taħt ***SSBlim, ikun jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' rimedju xierqa biex jikkontribwixxu biex l-istokk ikkonċernat jirritorna b'mod rapidu għal livelli ogħla mill-SSBpa.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) *Jenħtieġ li jiġu implimentati iktar miżuri ta' salvagwardja jekk id-daqs tal-istokk jaqa' taħt il-punt ta' referenza ta' **Blim.** Jenħtieġ li l-miżuri ta' salvagwardja jkunu jinkludu t-tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd u miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni meta l-parir xjentifiku jkun jindika li xi stokk ikun mhedded. Jenħtieġ li daww il-miżuri jkollhom magħhom miżuri oħrajn, skont kif ikun xieraq, bħal miżuri tal-Kummissjoni meħudin skont l-Artikolu 12 tar-*

Emenda

imħassar

**Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew
miżuri tal-Istati Membri meħudin skont l-
Artikolu 13 tar-Regolament (UE)
Nru 1380/2013.**

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Għall-istokkijiet li għalihom ma jkunux disponibbli l-punti ta' referenza, jenħtieġ li japplika l-approċċ ta' prekawzjoni. ***Fil-każ speċifiku tal-istokkijiet li jinqabdu bħala qabdiet aċċessorji, jekk ma jkunx hemm parir xjentifiku dwar il-livelli minimi tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv għat-tali stokkijiet, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni meta l-parir xjentifiku jkun jindika li hemm bżonn ta' miżuri ta' rimedju.***

Emenda

(17) Għall-istokkijiet li għalihom ma jkunux disponibbli l-punti ta' referenza, jenħtieġ li japplika l-approċċ ta' prekawzjoni.

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Sabiex ikun jista' jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-pjan jipprevedi miżuri addizzjonali ta' ġestjoni. Jenħtieġ li t-tali miżuri jiġu stabbiliti permezz ta' atti delegati.

Emenda

(18) Sabiex ikun jista' jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-pjan jipprevedi miżuri addizzjonali ta' ġestjoni, ***b'mod partikolari miżuri biex l-iskartar jiġi eliminat b'mod gradwali, biex jiġi kkalkulat in-numru ta' ħut taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, u biex jitnaqqsu u, fejn possibbli, jiġu eliminati, l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd minn fuq l-ambjent***

marin. Jenħtieġ li t-tali miżuri jiġu stabbiliti permezz ta' atti delegati.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Rakkomandazzjoni konġunta mill-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja (Il-Grupp ta' Livell Għoli "Adriatica") u studju dwar il-karatteristiċi tekniċi tax-xbieki bit-tartarun tal-borża u l-impatt tagħhom fuq il-komunitajiet tal-qiegħ ġew sottomessi, u riveduti, minn esperti indipendenti u l-STEFC. Huwa għalhekk xieraq li tiġi prevista deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, u l-punt 2 tal-Anness II tal-istess Regolament.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Jenħtieġ li l-Kunsill iqis is-sajd rikreattiv meta l-parir xjentifiku jindika li tali sajd għandu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' stokk partikolari. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kunsill ikun jista' jistabbilixxi qabda totali permissibbli (TAC) għall-qabdiet kummerċjali li tieħu kont tal-volum ta' qabdiet rikreattivi u/jew jadotta miżuri oħra li jillimitaw is-sajd rikreattiv, bħall-limitu tal-qabda u l-perjodi ta' għeluq.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Jenħtieġ li l-pjan jipprevedi wkoll l-adozzjoni ta' ċerti miżuri tekniċi ta' akkumpanjament, permezz ta' atti delegati, sabiex dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber jew biex titjieb is-selettività.

Emenda

(20) Jenħtieġ li l-pjan jipprevedi wkoll l-adozzjoni ta' ċerti miżuri tekniċi ta' akkumpanjament, ***kif ukoll miżuri temporali u spazjali***, permezz ta' atti delegati ***u b'kont meħud tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli***, sabiex dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber jew biex titjieb is-selettività.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Jenħtieġ li l-irkapti artiġjanali bbażati fuq prattiki storiċi stabbiliti fil-komunitajiet tas-sajd jiġu ssalvagwardjati meta jiġu definiti l-miżuri tekniċi li jirriżultaw mill-pjan pluriennali jew mill-atti delegati adottati skont il-pjan pluriennali.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Bil-għan li l-industrija tkun tista' tlaħħaq mal-miżuri għat-tnaqqis tal-isforz tas-sajd u t-tnaqqis konsegwenti ta' introjtu għan-negozji u l-baħħara, jenħtieġ li jkun hemm arranġamenti għal aċċess ta' prijorità għal sostenn xieraq

mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) skont ir-Regolament Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{9a}.

^{9a} Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Bil-għan li tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti mal-impatti soċjoekonomiċi, minn naħa waħda jkun ideali li jingħataw derogi mill-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' waqfien temporanju kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, u b'hekk tiġi estiża biss għal bastimenti koperti minn dan il-pjan pluriennali u, min-naħa l-oħra, li jiġi permess il-ftuħ mill-ġdid u l-aċċess mill-istess bastimenti għall-miżuri ta' waqfien permanenti previsti mill-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Filwaqt li jiġi rrikonoxxut li t-tendenza għall-bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku hi li huma jagħmlu vjaġġi qosra tas-sajd, jenħtieġ li l-użu tan-notifiki minn qabel kif inhu meħtieġ skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 jiġi adattat sabiex in-notifiki minn qabel jintbagħtu mill-inqas ***siegħa u nofs*** qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port. Madankollu, meta jitqies l-effett limitat ta' vjaġġi tas-sajd li jinvolvu kwantitajiet żgħar ħafna ta' ħut fuq l-istokkijiet ikkonċernati, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu massimu għat-tali notifiki minn qabel meta dawn il-bastimenti jżommu abbord mill-inqas tunnellata ta' ***inċova jew ta' sardin***.

Emenda

(22) Filwaqt li jiġi rrikonoxxut li t-tendenza għall-bastimenti li jistadu għall-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku hi li huma jagħmlu vjaġġi qosra tas-sajd, jenħtieġ li l-użu tan-notifiki minn qabel kif inhu meħtieġ skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 jiġi adattat sabiex in-notifiki minn qabel jintbagħtu mill-inqas ***nofs siegħa*** qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port. Madankollu, meta jitqies l-effett limitat ta' vjaġġi tas-sajd li jinvolvu kwantitajiet żgħar ħafna ta' ħut fuq l-istokkijiet ikkonċernati, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu massimu għat-tali notifiki minn qabel meta dawn il-bastimenti jżommu abbord mill-inqas tunnellata ta' ***ħut pelagiċu żgħir***.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi għall-qabdiet ***tal-inċova u tas-sardin*** li, jekk jaqbiżhom, bastiment tas-sajd għandu jħott l-art il-qabdiet f'port deżinjat jew f'port viċin il-kosta skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Barra minn hekk, meta jkunu qed jagħżlu daww il-portijiet jew daww il-postijiet viċin il-kosta, jeħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 43(5) ta' dak ir-Regolament b'tali mod li jiġi żgurat kontroll effettiv.

Emenda

(24) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi għall-qabdiet ta' ***ħut pelagiċu żgħir*** li, jekk jaqbiżhom, bastiment tas-sajd għandu jħott l-art il-qabdiet f'port deżinjat jew f'port viċin il-kosta skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Barra minn hekk, meta jkunu qed jagħżlu daww il-portijiet jew daww il-postijiet viċin il-kosta, jeħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 43(5) ta' dak ir-Regolament b'tali mod li jiġi żgurat kontroll effettiv.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Sabiex ikun hemm adattament f'waqtu u b'mod proporzjonat għall-progress tekniku u xjentifiku u biex tiġi żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa l-evoluzzjoni ta' ċerti miżuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mas-supplimentar ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam ***ma' miżuri ta' rimedju għall-konservazzjoni tal-kavalli u tas-sawrell***, mal-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art u ma' miżuri tekniċi. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda

(25) Sabiex ikun hemm adattament f'waqtu u b'mod proporzjonat għall-progress tekniku u xjentifiku u biex tiġi żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa l-evoluzzjoni ta' ċerti miżuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mas-supplimentar ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art u ma' miżuri tekniċi. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ

Emenda

(26) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ

li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni perijodika tal-adegwatezza u tal-effettività tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li t-tali valutazzjoni ssegwi evalwazzjoni perijodika tal-pjan li tkun ibbażata fuq il-parir xjentifiku u li din tissejjes fuqha. Jenħtieġ li l-pjan jiġi evalwat kull ħames snin. Dan il-perjodu jippermetti li jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu tal-ħatt l-art u li jiġu adottati u implimentati miżuri reġjonalizzati u li dawn jibda jkollhom impatt fuq l-istokkijiet u fuq is-sajd. Dan huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi.

li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni perijodika tal-adegwatezza u tal-effettività tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li t-tali valutazzjoni ssegwi evalwazzjoni perijodika tal-pjan li tkun ibbażata fuq il-parir xjentifiku u li din tissejjes fuqha. Jenħtieġ li l-pjan jiġi evalwat ***tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sussegwentement*** kull ħames snin. Dan il-perjodu jippermetti li jiġi implimentat bis-sħiħ l-obbligu tal-ħatt l-art u li jiġu adottati u implimentati miżuri reġjonalizzati u li dawn jibda jkollhom impatt fuq l-istokkijiet u fuq is-sajd. Dan huwa wkoll il-perjodu minimu meħtieġ mill-korpi xjentifiċi.

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Bil-għan li s-sajjeda jiġu megħjuna jimplimentaw il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-akbar użu possibbli tal-miżuri disponibbli taħt ir-Regolament (UE) Nru 508/2014. Huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-miżuri ta' waqfien temporanju li ġew adottati bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jistgħu jitqiesu eleġibbli għal appoġġ taħt ir-Regolament (UE) Nru 508/2014, bil-għan li jitqiesu l-aspetti soċjoekonomiċi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, huwa xieraq li tingħata deroga, għall-bastimenti milquta minn dan il-pjan pluriennali, mill-perjodi li matulhom jista' jingħata sostenn kif ukoll mil-limitu massimu fuq il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEMS

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-istokkijiet tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u tas-sardin (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku ("***l-istokkijiet ikkonċernati***") u għas-sajd ***li jisfrutta*** dawk l-istokkijiet. Huwa għandu japplika wkoll għall-qabdiet aċċessorji tal-kavalli (*Scomber spp.*) u tas-sawrell (*Trachurus spp.*) fil-Baħar Adrijatiku li jinqabdu waqt is-sajd ***għal wieħed mill-istokkijiet ikkonċernati jew għat-tnejn li huma.***

Emenda

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-istokkijiet tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u tas-sardin (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku ("***ħut pelaġiku żgħir***") u għas-sajd ***li jimmira għal*** dawk l-istokkijiet. ***Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, dan ir-Regolament*** għandu japplika wkoll għall-qabdiet aċċessorji tal-kavalli (*Scomber spp.*) u tas-sawrell (*Trachurus spp.*) fil-Baħar Adrijatiku li jinqabdu waqt is-sajd ***għall-ħut pelaġiku żgħir.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) "Iffukar" tfisser li s-sardin jew l-inċova jirrappreżentaw tal-inqas 50 % tal-qabda f'piż ħaġ;

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) "*stokkijiet pelaġiċi żgħar*" tfisser *l-istokkijiet imniżżlin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe kombinament tagħhom*;

Emenda

(c) "*~~Ħut~~ pelagiċu żgħir*" tfisser *stokkijiet tas-sardin (Sardina pilchardus) u l-inċova (Engraulis encrasicolus)*;

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) "*L-Aqwa parir xjentifiku disponibbli*" tirreferi għal parir xjentifiku disponibbli għall-pubbliku li huwa appoġġat mid-dejta u l-metodi xjentifiċi l-aktar aġġornati li nħarġu jew li ġew evalwati minn esperti minn korp xjentifiku internazzjonali indipendenti jew tal-Unjoni rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, bħall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM), u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) "medda tal-FMSY" tfisser medda ta' valuri fejn, f'sitwazzjonijiet ta' sajd imħallat u bi qbil mal-parir xjentifiku, il-livelli kollha ta' mortalità mis-sajd fil-limiti xjentifikament indikati ta' dik il-medda jwasslu għal rendiment massimu sostenibbli (MSY) fit-tul bil-kundizzjonijiet ambjentali medji eżistenti mingħajr ma jaffettwaw b'mod sinifikanti l-proċess ta' riproduzzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati;

imħassar

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) "Jum tas-sajd" tfisser kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa, jew parti minnu, meta bastiment tas-sajd ikun involut f'attività tas-sajd, bħat-tiftix għall-ħut, l-isparar, il-kalar, l-irmonk, l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord jew it-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ, it-tismin u l-ħatt l-art ta' ħut u prodotti tas-sajd, kif definit fil-punt 28 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; .

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) "SSBlim" tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni ta' rimedju sabiex jiġi

*żgurat li l-istokk jerġa' jinbena sa livell
fejn ikun fil-limiti bijoloġiċi ta' sikurezza;*

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(dc) "SSBpa" tfisser il-punt ta' referenza
prekawzjonarju tal-bijomassa ta' stokk
riproduttiv li taħtu għandha tittieħed
azzjoni ta' ġestjoni sabiex jiġi żgurat li l-
istokk jerġa' jinbena sa livell fejn ikun fil-
limiti bijoloġiċi ta' sikurezza;*

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(e) "MSY Btrigger" tfisser il-punt ta'
referenza tal-bijomassa tal-istokk
riproduttiv li taħtu għandha tittieħed
azzjoni speċifika u xierqa ta' ġestjoni
sabiex ikun żgurat li r-rati tal-
isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet
naturali jergħu jżidu l-istokkijiet għal-
livelli 'l fuq minn dawh li jistgħu
jipproduċu MSY fit-tul;*

imħassar

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pjan pluriennali għandu jikkontribwixxi **għall-kisba tal-għanijiet** tal-politika komuni tas-sajd imniżżlin fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, **b'mod partikulari billi japplika l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jerġa' jżid il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom f'livelli 'l fuq minn dawk li jistgħu jipproduċu l-MSY.**

Emenda

1. Il-pjan pluriennali għandu jikkontribwixxi **biex jintlaħqu l-għanijiet** tal-politika komuni tas-sajd imniżżlin fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-pjan pluriennali għandu jqis l-aspetti soċjoekonomiċi meta jkun qiegħed jiġi żviluppat jew mibdul, f'konformità mal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-pjan pluriennali għandu jikkontribwixxi **għall-eliminazzjoni** tal-qbid skartat billi jevita l-qabdiet mhux mixtieqa u jnaqqashom kemm jista' jkun u għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art

3. Il-pjan pluriennali għandu jikkontribwixxi **għat-tnaqqis** tal-qbid skartat billi jevita l-qabdiet mhux mixtieqa u jnaqqashom kemm jista' jkun u għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15

stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li huma suġġetti għalih u li għalihom japplika dan ir-Regolament.

tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li huma suġġetti għalih u li għalihom japplika dan ir-Regolament.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-pjan pluriennali għandu jimplimenta l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiżgura li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Huwa għandu jkun koerenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u b'mod partikolari mal-għan li jinkiseb status ambjentali tajjeb sal-2020 kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE.

Emenda

4. Il-pjan pluriennali għandu jimplimenta l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiżgura li jitnaqqsu kemm jista' jkun, ***u fejn possibbli jiġu eliminati***, l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar, ***b'mod partikolari l-habitats li jinsabu mhedda u l-ispeċijiet protetti, inklużi l-mammiferi tal-baħar, it-tjur tal-baħar u r-rettili***, Huwa għandu jkun koerenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u b'mod partikolari mal-għan li jinkiseb status ambjentali tajjeb sal-2020 kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE, ***u mal-miri u r-regoli stabbiliti fid-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE.***

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-miżuri skont il-pjan għandhom jittieħdu f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 - Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

MIRI, SALVAGWARDJI U MIŻURI
SPEĊIFIĊI

Emenda

MIRI **SOĊJOEKONOMIĊI**,
SALVAGWARDJI U MIŻURI SPEĊIFIĊI

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Miri *għall-inċova u għas-sardin*

Emenda

Miri *għall-pelaġiċi ż-żgħar*

Emenda 53

Proposta għal regolament
L-Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Il-mortalità mis-sajd* fil-mira *għandha tintlaħaq* mill-aktar fis possibbli u *fuq bażi progressiva u inkriminali sal-2020 għall-istokkijiet ikkonċernati u, wara dak iż-żmien, għandha tinżamm fil-meded stabbiliti* fl-Anness I u f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

Emenda

1. *Il-punti ta' referenza* fil-mira *għall-pelaġiċi ż-żgħar għandhom jintlaħqu* mill-aktar fis possibbli u *għandhom, minn hemm 'il quddiem, jinżammu 'l fuq mill-valuri mogħtija* fl-Anness I u f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***L-opportunitajiet tas-sajd*** għandhom jikkonformaw ***mal-meded tal-mortalità mis-sajd*** fil-mira stabbiliti fil-kolonna A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. ***Il-miżuri ta' ġestjoni għall-pelaġiċi ż-żgħar*** għandhom jikkonformaw ***mal-punti ta' referenza*** fil-mira stabbiliti fil-kolonna A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ***l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiġu ffissati f'livelli*** li jikkorrispondu għal ***livelli aktar baxxi ta' mortalità mis-sajd*** minn dawk stabbiliti fil-kolonna A tal-Anness I.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ***il-miżuri ta' ġestjoni jista' jkollhom fil-mira l-livelli*** li jikkorrispondu għal ***valuri ogħla*** minn dawk stabbiliti fil-kolonna A tal-Anness I ***jekk:***

(a) abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat;

(b) abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat dannu serju lil xi stokk ikkawżat mid-dinamika tal-istokk tal-ispeċi jew mid-dinamika ta' bejn l-istokkijiet ta' speċijiet differenti; jew

(c) wieħed mill-istokkijiet tal-pelaġiċi ż-żgħar huwa inqas mill-punt ta' referenza spjegat fil-kolonna B tal-Anness I.

Emenda 56

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. *Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-opportunitajiet tas-sajd għal xi stokk partikulari jistgħu jiġu ffissati skont il-meded tal-mortalità mis-sajd stabbiliti fil-kolonna B tal-Anness I, dejjem jekk l-istokk ikkonċernat ikun f'livell ogħla mill-livell minimu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv stabbilit fil-kolonna A tal-Anness II:*

imħassar

(a) jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat;

(b) jekk, abbażi tal-parir xjentifiku jew tal-evidenza xjentifika, dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat dannu serju lil xi stokk ikkawżat mid-dinamika tal-istokk tal-ispeċi jew mid-dinamika ta' bejn l-istokkijiet ta' speċijiet differenti, jew

(c) sabiex il-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd bejn snin konsekuttivi jiġu llimitati għal mhux aktar minn 20 %.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' xi stokk partikulari, il-Kunsill dan għandu jqisu u jista' jillimita s-sajd rikreattiv meta jkun qed jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd biex jevita li tinqabeż il-mira totali tal-mortalità mis-sajd.

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

L-għanijiet soċjoekonomiċi

Bil-għan li jitqiesu l-oġġettivi soċjoekonomiċi spjegati fil-punt (f) tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta jkunu qed japplikaw il-miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni previsti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu estensiv tal-miżuri rilevanti spjegati fir-Regolament (UE) Nru 508/2014.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni mogħtija bħala livelli minimi u livelli ta' limitu tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv **li** għandhom jiġu applikati sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kapaċità riproduttiva sħiħa tal-istokkijiet ikkonċernati ***huma stabbiliti fl-Anness II.***

1. Il-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni mogħtija bħala livelli minimi u livelli ta' limitu tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv għandhom jiġu applikati sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kapaċità riproduttiva sħiħa tal-istokkijiet ikkonċernati.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Tliet snin wara l-applikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 6(1a), ir-riċerka xjentifika għandha tivverifika l-effikaċja tal-miżuri li jkunu ttieħdu, b'mod partikulari fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u fuq is-sajd li jisfrutta lil

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed **mill-istokkijiet ikkonċernati** tkun taħt il-livell minimu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv stabbilit fil-kolonna **A** tal-Anness **II** ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati l-miżuri kollha ta' rimedju x-xierqa biex **ikun żgurat li l-istokk ikkonċernat jerġa' jitla'** malajr għal livelli li jkunu 'l fuq **minn dawk li jistgħu jipproduċu l-MSY**. B'mod partikulari, b'deroga mill-Artikolu 4(2) u (4) ta' dan ir-Regolament, **l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet ikkonċernati** għandhom jiġu **ffissati f'livell li jkun konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset iktar mill-medda stabbilita fil-kolonna A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament**, filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa ta' dak l-istokk.

Emenda

2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed **mill-pelaġiċi ż-żgħar** tkun taħt il-livell minimu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv stabbilit fil-kolonna **B** tal-Anness **I** ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati l-miżuri kollha ta' rimedju x-xierqa biex **isir kontribut ħalli l-popolazzjonijiet tal-pelaġiċi ż-żgħar jerġgħu jitolgħu** malajr għal livelli li jkunu 'l fuq **mill-punt ta' referenza mogħti fil-kolonna A tal-Anness I**. B'mod partikulari, b'deroga mill-Artikolu 4(2) u **f'konformità mal-Artikolu 4(3)** ta' dan ir-Regolament, **il-miżuri ta' ġestjoni** għandhom jiġu **aġġustati** filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa ta' dak l-istokk.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv **ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet ikkonċernati** tkun taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk

Emenda

3. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv **taż-żewġ stokkijiet ta' pelaġiċi ż-żgħar** tkun taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv (**SSBlim**) kif stabbilit

riproduttiv (**Blim**) kif stabbilit fil-kolonna B tal-Anness **II** ta' dan ir-Regolament, għandhom jittieħdu iktar miżuri ta' rimedju biex **ikun żgurat li l-istokk ikkonċernat jerġa' jitlea'** malajr għal livelli li jkunu 'l fuq **minn dak li jista' jipproduċi l-MSY**. B'mod partikulari, b'deroga mill-Artikolu 4(2) **u (4)**, daww il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd li jkollu fil-mira lill-istokk ikkonċernat u **t-tnaqqis ix-xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd**.

fil-kolonna B tal-Anness **I** ta' dan ir-Regolament, għandhom jittieħdu iktar miżuri ta' rimedju biex **isir kontribut ħalli ż-żewġ stokkijiet jerġgħu jitlegħu** malajr għal livelli li jkunu 'l fuq **mill-punt ta' referenza mogħti fil-kolonna A tal-Anness I**. B'mod partikulari, b'deroga mill-Artikolu 4(2), daww il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd li jkollu fil-mira lill-istokk ikkonċernat u **miżuri oħra adegwati ta' ġestjoni**.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-parir xjentifiku jindika li hemm bżonn ta' azzjoni ta' rimedju **biex tkun żgurata l-konservazzjoni tal-istokkijiet pelaġiċi** ż-żgħar **imsemmijin fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament** jew, **fil-każ tal-inċova u tas-sardin**, meta l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet għal sena partikulari tkun taħt il-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni stabbiliti fil-kolonna **A** tal-Anness **II** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:

(a) **il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, b'mod partikulari d-daqs tal-malja, il-bini tal-irkaptu, id-daqs tal-irkaptu jew l-użu ta' tagħmir tas-selettività sabiex tkun żgurata s-selettività jew sabiex din tittejjeb;**

(b) **l-użu tal-irkaptu tas-sajd u l-fond li fih jintuża l-irkaptu sabiex tkun żgurata s-**

Emenda

1. Meta l-parir xjentifiku jindika li hemm bżonn ta' azzjoni ta' rimedju **għall-konservazzjoni tal-pelaġiċi** ż-żgħar jew meta l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet għal sena partikulari tkun taħt il-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni stabbiliti fil-kolonna **B** tal-Anness **I** ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:

selettività jew sabiex din tittnejeb;

(c) il-projbizzjoni tas-sajd f'żoni speċifiċi jew il-limitazzjoni tas-sajd fihom sabiex jiġi protett il-ħut riproduttiv u l-ħut li għadu qed jikber jew il-ħut ta' daqs li jkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew biex jiġu protetti l-ispeċijiet tal-ħut li ma jkunux fil-mira;

(d) il-projbizzjoni tas-sajd jew tal-użu ta' ċertu tip ta' rkaptu f'ċerti perjodi taż-żmien jew il-limitazzjoni tagħhom f'dawn il-perjodi sabiex jiġi protett il-ħut riproduttiv jew il-ħut ta' daqs li jkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jew biex jiġu protetti l-ispeċijiet tal-ħut li ma jkunux fil-mira;

(e) id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni sabiex tkun żgurata l-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar, u

(f) karatteristiċi oħrajn marbutin mas-selettività.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Minkejja l-paragrafu 1, sabiex jintlaħqu l-miri spjegati fl-Artikolu 4, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin għas-snin 2019–2022:

(a) fl-2019 il-limitu tal-qabdiet għall-pelaġiċi ż-żgħar għandu jkun stabbilit fil-livell tal-qbid tal-2014; ibda mill-2020, il-

limiti tal-qabdiet għall-pelaġiċi ż-żgħar għandhom jitnaqqsu gradwalment kull sena għall-Istat Membru kkonċernat b'4 % meta mqabbel mas-sena preċedenti sal-2022; madankollu, it-tnaqqis ma għandux japplika jekk fis-sena ta' qabel il-qabda totali għal kull Stat Membru kkonċernat tkun ta' aktar minn 2 % taħt il-livell tal-qabdiet tal-2014;

(b) l-isforz tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li jimmiraw għal pelaġiċi ż-żgħar ma għandux jaqbeż il-180 jum ta' sajd fis-sena u l-20 jum ta' sajd fix-xahar, b'massimu ta' 144 jum ta' sajd fis-sena mmirati għas-sardin u b'massimu ta' 144 jum ta' sajd fis-sena mmirati għall-inċova;

(c) l-għeluq ġeotemporalali għandu jiġi implimentat kull sena sabiex jiġu protetti ż-żoni tat-tkabbir u tar-riproduzzjoni. tali għeluq, għal tipi differenti ta' rkaptu tas-sajd, għandhom ikopru d-distribuzzjoni sħiħa tal-pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku, għal perjodi ta' mhux anqas minn 15-il jum kontinwi u sa 30 jum kontinwi. dak l-għeluq għandu jseħħ matul il-perijodi li ġejjin:

(i) għas-sardin, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu, u

(ii) għall-inċova, mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru;

(d) għeluq addizzjonali għall-bastimenti ta' tul totali ta' aktar minn 12 il metru, separatament għal kull tip ta' rkaptu tas-sajd, għandu jiġi implimentat għal mhux inqas minn sitt xhur; tali għeluq għandu jkopri mill-inqas 30 % taż-żona li tkun ġiet identifikata bħala żona ta' tkabbir jew bħala żona li tkun importanti għall-protezzjoni ta' klassijiet ta' ħut ta' età bikrija (f'ibħra territorjali u interni);

(e) il-kapaċità totali tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir u tal-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jkunu qed jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi ż-żgħar ma għandhiex taqbeż il-kapaċità tal-flotta reġistrata tal-flotta attiva tal-2014 f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT)

*u/jew tunnellaġġ reġistrat gross (GRT),
saħħa tal-magna (kW) u numru ta'
bastimenti.*

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*1b. Minkejja l-paragrafu 1a, sabiex tiġi
żgurata l-istabbiltà u jiġu limitati l-
varjazzjonijiet fil-miżuri ta' ġestjoni, id-
durata tal-għeluq imsemmi fil-punti (c) u
(d) tiegħu ma għandhiex tvarja b'aktar
minn 10 % minn sena għall-oħra
konsekuttivi.*

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6a

Miżuri tekniċi

- 1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,
it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3)
tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, u l-
punt 2 tal-Anness II tal-istess Regolament
ma għandhomx japplikaw.*
- 2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,
it-tul massimu tax-xbieki tat-tidwir
(tartarun tal-borża u tartaruni mingħajr
borża) għandu jkun ristrett għal
600 metru, l-ġholi ta' kemm tinżel ix-
xibka tkun ta' massimu ta' 1/3 tat-tul
tagħha.*

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu **15 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu** 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar l-affarijiet li ġejjin:

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar l-affarijiet li ġejjin:

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għal speċijiet li għalihom ***l-evidenza xjentifika turi*** rati għoljin ta' ***sopravivenza***, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkaptu, il-prattiki tas-sajd u l-ekosistema, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art; u

Emenda

(a) l-eżenzjonijiet mill-applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għal speċijiet li għalihom ***l-aqwa parir xjentifiku disponibbli juri*** rati għoljin ta' ***sopravivenza***, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-irkaptu, il-prattiki tas-sajd u l-ekosistema, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art; u

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ***l-iffissar tad-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni sabiex tkun żgurata l-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar.***

Emenda

imħassar

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, in-notifika minn qabel imsemmija f'dak l-Artikolu għandha ssir mill-inqas **siegħa u nofs** qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kostali jistgħu, fuq il-bażi ta' każ b'każ, jagħtu permess għal dħul qabel fil-port.

Emenda

1. B'deroga mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, in-notifika minn qabel imsemmija f'dak l-Artikolu għandha ssir mill-inqas **nofs siegħa** qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kostali jistgħu, fuq il-bażi ta' każ b'każ, jagħtu permess għal dħul qabel fil-port.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-obbligu ta' notifika minn qabel għandu japplika għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jżommu abbord mill-inqas **tunnellata** ta' inċova jew tunnellata ta' sardin.

Emenda

2. L-obbligu ta' notifika minn qabel għandu japplika għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jżommu abbord mill-inqas **żewġ tunnellati** ta' inċova jew tunnellata ta' sardin. **Dawk il-kwantitajiet għandhom jiġu kkalkolati wara li jitnaqqsu l-qabdiet imsemmija fl-Artikolu 15(11) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.**

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. B'deroga mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-

kaptani tal-bastimenti kollha tal-Unjoni b'tul globali ta' 12-il metri jew aktar għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament qabel il-bidu tal-operazzjonijiet tal-ħatt l-art.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan **ir-Regolament**, u kull ħames snin wara dak iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tiżgura evalwazzjoni tal-impatt tal-pjan pluriennali fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u fuq is-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan **ir-Regolament**, u kull ħames snin wara dak iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tiżgura evalwazzjoni tal-impatt tal-pjan pluriennali fuq l-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament u fuq is-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **u għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta biex dan ir-Regolament jiġi emendat.**

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

Emenda

1. **Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.**

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

Appoġġ mill-FEMS

- 1. Il-miżuri ta' waqfien temporanju adottati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan pluriennali għandhom jitqiesu bħala waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd għall-finijiet tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.*
- 2. B'deroga mill-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, sal-31 ta' Diċembru 2020 id-durata massima tal-appoġġ taħt dak ir-Regolament għandha tkun ta' disa' xhur, għall-bastimenti tas-sajd soġġetti għall-għeluq ġeografiku u temporali previst f'dan ir-Regolament.*
- 3. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bħala deroga mill-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, għandu jkun possibbli li tiżdied il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-FEMS 'il fuq mil-limitu massimu ta' 15 % stabbilit f'dak l-Artikolu.*
- 4. Fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, għandha tingħata prijorità lis-sajjieda affettwati mill-implimentazzjoni tal-miżuri li jinsabu f'dan il-pjan pluriennali.*
- 5. Sal-31 ta' Diċembru 2020, u b'deroga mill-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, il-bastimenti li jkunu waqqfu l-attivitajiet tas-sajd kollha b'riżultat tal-miżuri biex jiġnaqqas l-isforz tas-sajd imsemmi f'dan*

*ir-Regolament jistgħu jkunu eliġibbli
għall-appoġġ għall-waqfien permanenti
kif imsemmi fl-Artikolu 34 tar-
Regolament (UE) Nru 508/2014.*

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Anness I - subintestatura 2**

Test propost mill-Kummissjoni
(Artikolu 4)

Emenda
(Artikoli 4 u 5)

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Anness I – tabella**

Test propost mill-Kummissjoni

Stokk	<i>Medda tal-mortalità mis-sajd fil-mira li tippermetti li jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli (F_{MSY})</i>	
	Kolonna A	Kolonna B
Inċova	<i>0.23 – 0.30</i>	<i>0.30 – 0.364</i>
Sardin	<i>0.065 – 0.08</i>	<i>0.08 – 0.11</i>

Emenda

Stokk	<i>Punti ta' referenza fil-mira għal pelaġiċi żgħar</i>	
	Kolonna A	Kolonna B
Inċova	<i>SSBpa</i>	<i>SSBlim</i>
Sardin		<i>SSBlim</i>

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Anness II**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
<i>[...]</i>	<i>imħassar</i>

